**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 13**

L-Erbgħa, 1 ta' Ġunju 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia ppreseda.

**ATTENDENZA**

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne, il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli l-Onor. Roderick Galdes, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia u s-Segretarju Parlamentari għall-Fondi Ewropej l-Onor. Chris Bonett kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech u l-Onor. David Agius kienu msiefra fuq xogħol tal-partit.

L-Onor. Ivan Castillo kien skużat.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 12 li saret fil-31 ta' Mejju 2022 kienu konfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 206 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar Sentenzi Kostituzzjonali mqiegħda fuq il-Mejda tal Kamra;

P.L. 207 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 2 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar investigazzjonijiet pendenti quddiem l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika;

P.L. 208 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar ilmenti pendenti quddiem l-Ombudsman;

P.L. 209 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 4 li saret lis-Sedja mill-Onor. Karol Aquilina dwar investigazzjonijiet mill-Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika;

P.L. 210 Tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 5 li saret lis-Sedja mill-Onor. Ivan Bartolo dwar każijiet pendenti quddiem l-Ombudsman; u

P.L. 211 Rapport maħruġ mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika bl-isem *An evaluation of performance audits in the public sector: Common audit findings (2017 – 2020),* datat Ġunju 2022.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 49 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, l-Onor. Owen Bonnici, qiegħed fuq il Mejda tal Kamra:

P.L. 212 Tagħrif dwar kunsilli lokali li bbenefikaw minn proġetti infrastrutturali maġġuri li twettqu mill-Gvern Ċentrali u dawk li ma kinux eleġibbli, fis-snin bejn l-2019 u l-2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 954;

P.L. 213 Rapport annwali tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2021;

P.L. 214 Stqarrijiet finanzjarji awditjati tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2021;

P.L. 215 Estimi finanzjarji tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għas-sena 2022;

P.L. 216 Rapport annwali ta' Heritage Malta għas-sena 2021;

P.L. 217 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji ta' Heritage Malta għas-sena 2021; u

P.L. 218 Estimi finanzjarji ta' Heritage Malta għas-sena 2022;

f'isem il-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 219 Rapport Annwali tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2021; u

P.L. 220 Estimi Finanzjarji tal-Awtorità tad-Djar għas-sena 2022;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 221 Tagħrif dwar infiq fuq safar, mobiles u fuel fil-perjodu bejn Jannar 2017 u Mejju 2022, miċ-chairpersons tal-bordijiet fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 357;

P.L. 222 Kopja tal-paġna mill-website tal-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali, bl-isem *Speed Management on Maltese Roads,* bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1019;

f’isem il-Ministru għal Għawdex qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 223 Tagħrif dwar infiq fuq safar, mobiles u fuel fil-perjodu bejn Jannar 2017 u Mejju 2022, miċ-chairpersons tal-bordijiet fid-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għal Għawdex, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 358; u

f’isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 224 Rapport minn Equis Assurance Limited bħala l-persuna kompetenti appuntata fir-rigward ta’ Satabank, li jkopri t-12-il xahar mill-1 ta’ Novembru 2020 sal-31 ta’ Ottubru 2021, magħmul skont l-artikolu 29(1)(h) tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju (Kap. 371).

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, qiegħed fuq il-Mejda tal Kamra:

P.L. 225 Site plan maħruġa mill-Awtorità tal-Artijiet li turi s-sit mikri lill-Go plc. fir-Rabat (Malta), bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 1020.

Il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur, l-Onor. Julia Farrugia Portelli, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 226 Stqarrijiet finanzjarji tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità (CRPD) għas-sena 2021; u

P.L. 227 Rapport Annwali tal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta’ Persuni b’Diżabilità (CRPD) għas-sena 2021.

**MOZZJONIJIET**

**41. ESTIMI TA' DĦUL U NFIQ TAL-AWTORITÀ MALTIJA TAL-ARTIJIET GĦAS-SENA 2022**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, l-Onor. Silvio Schembri, ippropona:

Illi l-Kamra tapprova l-estimi ta’ dħul u nfiq tal-Awtorità Maltija tal-Artijiet għas-sena finanzjarja mill-1 ta’ Jannar 2022 sal-31 ta’ Diċembru 2022 skont l-Att dwar l-Awtorità tal-Artijiet, Kap. 563.

L-Onor. Deo Debattista ssekonda.

L-Ispeaker informa lill-Kamra li d-diskussjoni fuq din il-mozzjoni kellha tieħu seduta waħda bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-introduzzjoni u l-għeluq mill-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Silvio Schembri, l-Onor. Rebekah Cilia, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Davina Sammut Hili, l-Onor. Graziella Galea, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Robert Cutajar, l-Onor. Toni Bezzina u l-Onor. Adrian Delia.

Meta l-Ispeaker għadda biex iqiegħed il-mistoqsija fuq il-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet, intalbet votazzjoni, liema votazzjoni kellha tittieħed fit-28 ta’ Ġunju 2022 skont ftehim milħuq fis-Seduta tat-23 ta’ Mejju 2022.

Fis-6.54 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar it-Tnejn, 6 ta' Ġunju 2022 fit-3.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Mozzjonijiet**

Estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għas-sena 2022

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Prokreazzjoni Assistita | Tieni Qari |
| Estimi tal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-Sena 2022 | Votazzjoni |
| Estimi tal-Awtorità Maltija tal-Artijiet għas-Sena 2022 | Votazzjoni |

Jew xi aġenda oħra li tista' tiġi komunikata aktar 'il quddiem.

---

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Ivan J. Bartolo u mill-Onor. Stanley Zammit.

Fis-7.19 p.m. l-Ispeaker avża, li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 6 ta' Ġunju 2022 fit-3.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**